MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 422/2012 LM

**Joseph Galea (K.I. nru. 031182(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Maria Dolores Briffa (K.I. nru. 0683056(M))**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Maria Dolores Briffa (K.I. nru. 0683056(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-

Maġistrati [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent **Joseph Galea (K.I. nru. 31182(M))** fil-konfront tagħha [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] kif ġej:

*"1. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta.*

*2. Tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuta.*

*3. Tilqa' limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef tlett mija u tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€10,382.34), bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.*

*Tenut kont tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu in kwantu għal parti minn ħamsa 1/5 a karigu tal-attur u in kwantu għal erba' partijiet minn ħamsa (4/5) a karigu tal-konvenuta".*

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li l-partijiet kienu għamlu xi żmien jgħixu flimkien fid-dar tal-appellanta. Matul dan iż-żmien, l-appellat kien ħallas għal diversi spejjeż u oġġetti li baqgħu għand l-appellanta, inklużi l-prezz ta' vettura f'isimha u l-kera ta' garaxx ukoll f'isimha. Xi żmien wara, l-appellat talab rifużjoni mingħand l-appellanta tal-flejjes li huwa kien ħallas, għaliex skont hu dawn fil-fatt kienu jikkostitwixxu self *brevi manu* lill-istess appellanta. Din tal-aħħar min-naħa tagħha rrifjutat li troddhom lura għaliex qatt ma kien hemm ftehim mal-appellat li jingħataw lura.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fil-11 ta' Diċembru, 2012 fejn ħarrek lill-appellanta sabiex tgħid għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

> *"...prevja kull dikjarazzjoni li tista' talvolta tkun meħtieġa, li tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħdax -il elf mitejn u tnax -il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€11,212.34), jew somma verjuri, rappreżentanti self komplessiv brevi manu somministrat lilek f'perijodi diversi mir-rikorrent, liema ammont inti nqast li tħallas lura lir-rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Novembru, 2012, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni".*

4. L-appellanta eċċepiet: (i) it-talba tal-appellat kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija qatt ma kienet issellfet flus mingħand l-appellat; (ii) is-somom żgħar li kien jgħaddilha l-appellat minn żmien għal żmien kien tahomlha fiż-żmien tal-konvivenza ta' bejniethom u sabiex hija ttaffi ftit mill-ispejjeż li kienet tinkorri għall-ħajja ta' kuljum; (iii) issa li hija tterminat ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-appellat ma setax jivvessaha billi jivvanta xi dritt li ma jeżistix; u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Is-Sentenza Appellata**

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

6. *B'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob il-ħlas lura ta' diversi somom rappreżentanti ħlasijiet li l-attur jikkontendi li kien għamel f'isem il-konvenuta taħt titolu ta' self* brevi manu.

7. *Il-konvenuta tilqa' għat-talba attriċi billi teċepixxi li hi qatt ma sselfet flejjes mingħand l-attur. Il-konvenuta mhux qegħda tikkontesta li l-attur effettivament għamel dawn il-ħlasijiet, iżda tgħid li dawn ma kienux self iżda ħlasijiet li l-attur għamel minn jeddu. Fir-rigward tal-vettura, l-konvenuta tgħid li din kien xtraha l-attur u tahielha bħal rigal f'għeluq sninha.*

8. *F'każijiet bħal dawn meta l-partijiet jagħtu żewġ verżjonjiiet tal-fatti li huma kunfliġġenti jew opposti għal xulxin, huwa risaput li l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda minn dawn il-verżjonijiet teskludix lill-oħra fuq is-soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u verosomiljanza. F'kawżi ta' natura ċivili, dan l-eżerċizzju l-Qorti għandha tagħmlu fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joħolqu fil-ġudikant il-konvinzjoni li jaċċetta verżjoni u jeskludi l-oħra.*

9. *Mill-atti proċesswali ma hemm l-ebda dubju li l-attur irnexxielu jipprova li huwa effettwa l-ħlasijiet li tagħhom qiegħed jitlob ir-restituzzjoni permezz ta' din il-kawża. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-pern tal-kwistjoni huwa l-animu li bih saru dawn il-ħlasijiet, għaliex jekk kif tikkontendi l-konvenuta l-ħlasijiet da parti tal-attur ingħataw bħala rigal jew donazzjoni, dan neċessarjament ikun ifisser li jiġi nieqes fil-konvenuta l-obbligu tar-restituzzjoni.*

10. *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmela Pace vs Rosaria Caruana et*** *deċiża fis-17 ta' Ottubru 1949, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 4 Per Imħallef Dr A.V.Camilleri) irriteniet hekk: "… …* biex id-donazzjoni manwali li tkun eżenti mis-solennità ta' l-att pubbliku stabbilti mil-liġi taħt piena ta' nullità għad-donazzjonijiet veri u proprji jkollha effikaċja ġuridika, huwa meħtieġ (1) li l-oġġett mobili mogħtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat għall-kondizzjonijiet ekonomiċi tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni tal-oġġett donat, u b'mod li dan jgħaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volontà li jiddona u li jiżvesti ruħu immedjatament u irrevokabilment mill-oġġett li jkun irid jiddona".

11. *Ġie wkoll ritenut li min jallega d-donazzjoni għandu l-obbligu li jipprovaha permezz ta' provi ċari. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmela Scicluna et vs Carmela Psaila*** *deċiża fl-4 ta' Novembru 1946, fejn tressqet eċċezzjoni f'dan is-sens, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 5 Per Imħallef Dr A.V.Camilleri) rriteniet hekk: "*Illi l-konvenut bl-eċċezzjoni tiegħu assuma li jipprova d-donazzjoni minnu allegata,

fuq il-prinċipju li "reus excipiendo fit actor", jew aħjar "reus in exceptione actor est"." *Il-Qorti kompliet illi: "…* sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja li seħħet donazzjoni, sija proprja kemm improprja, irid ikun hemm provi cari u mhux suspetti ta' interess mill-parti tad-donatarju*…".*

12. *Fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Woodall vs Anthony Rapa** deċiża fid-19 ta' Novembru 2001, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 6 Per Imħallef Dr Joseph Said Pullicino) irriteniet illi: "*Hu ċar li f'sitwazzjonijiet bħal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu ġew mgħoddija taħt xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taħt liema titolu jkunu ġew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wieħed onoruż ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avvanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tiġi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuża għalih. F'dan il-każ hu manifest illi wieħed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux lejn il-prova tal-liberalità tramite donazzjoni. Titolu ta' trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruża u ċerta minn dik rikjesta fil-każ tat-titolu ta' self.*"*

13. *B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, ladarba ma huwiex ikkontestat li l-ħlasijiet da parti tal-attur saru u ladarba kienet il-konvenuta li allegat id-donazzjoni, l-oneru sabiex tipprova illi l-flejjes in kwistjoni ma kienux ingħatawlha b'titolu ta' self iżda bħala rigal kien jinkombi fuq il-konvenuta. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuta ma rnexxiliex tipprova b'mod ċar, inekwivoku u konklussiv li l-ħlasijiet kollha li għamel l-attur a benefiċċju tagħha ingħatawlha b'titolu ta' donazzjoni. Mill-atti proċesswali l-Qorti ma sabet ebda prova konkreta li meta l-attur għamel dawn il-ħlasijiet, l-animu tiegħu kien li dan kien rigal li kien qiegħed jagħti lill-konvenuta għal dejjem kif irid l-artikolu 1737 tal-Kodiċi Ċivili li jiddefenixxi d-donazzjoni bħala "*kuntratt li bih id-donatur, għal dejjem u bla ħlas, jittrasferixxi ħaġa lid-donatarju, li dan jaċċetta.*"*

14. *Għalkemm huwa minnu illi l-partijiet kienu jinsabu f'relazzjoni, mill-kumpless taċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti ma hijiex konvinta li l-attur kellu l-volontà li jiżvesti ruħu minn flusu gratwitament. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għab-bażi tas-segwenti elementi probatorji:*

   a. *fir-rigward tal-ħlas rappreżentanti l-kirja ta' garaxx, Carmelo Farrugia kkonferma li dan il-garaxx kien ilu jiġi mikri lill-konvenuta għal ħafna snin u li lill-attur lanqas biss kien jaf min hu. (fn. 7 Ara x-xhieda ta' Carmelo Farrugia a fol. 36 tal-proċess) Dan jistona ferm ma' dak ddikjarat mill-konvenuta fl-affidavit tagħha fejn għar-rigward ta' dan il-garaxx xehdet*

*hekk:* "Dan krieh hu minn jeddu u qatt ma semma li riedhom lura." *(fn. 8 Ara l-affidavit tal-konvenuta a* fol. *56 tal-proċess).*

b. *jirriżulta li parti sostanzjali mill-ammont pretiż mill-attur, u ċioé s-somma ta' €9,800, tirrappreżenta l-prezz ta' xiri ta' vettura. Il-konvenuta tallega li din il-vettura ngħatat lilha mill-attur bħala rigal. Il-Qorti tqis li oġġett ta' dan il-valur ċertament ma jistgħax jiġi kkunsidrat bħala rigal tenwu. F'kull każ lanqas ġie ppruvat l-element ta' proporzjonalità ta' dan l-allegat rigal mal-kondizzjonijiet ekonomiċi tal-attur.*

c. *fir-rigward tal-vettura, il-verżjoni tal-attur hija kkorraborata minn dik ta' Brian Cutajar, li għan-nom ta' Regina Auto Dealer, ikkonferma li l-vettura kienet inxtrat fuq isem il-konvenuta u bħala parti minn negozju kien sar tpartit ma' vettura oħra li kienet tappartjeni lill-konvenuta. Dan ix-xhud spjega li l-ftehim kien li l-bilanċ tal-prezz kellu jitħallas b'pagamenti mensili u dan wara li l-attur kien ikkonfermalu li kien* "ser jagħmlilha tajjeb hu" *b'riferiment għall-ħlasijiet dovuti mill-konvenuta. (fn. 9 Ara x-xhieda ta' Brian Cutajar a fol. 40 tal-proċess)*

d. *ghalkemm huwa veru li in sostenn tat-teżi taghha l-konvenuta produċiet bħala xhieda lil uliedha u lin-namrat ta' oħtha, il-Qorti ma tqisx bħala plawsibbli din ix-xhieda meta analizzata fil-kumpless tal-provi.*

e. *Il-messaġġ fuq bil-mobile, li l-attur bagħat lill-konvenuta wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, u li fih isemmi fost affarijiet oħra l-vettura u l-ħlas tal-garaxx, ma jikkostitwix prova li dawn l-affarijiet, flimkien ma oġġetti oħra imsemmija fl-istess messaġġ, ingħataw lill-konvenuta b'titolu ta' donazzjoni. Filfatt l-istess messaġġ jintemm bil-kliem '*niltaqaw il-Qorti għax kif atlek namel x'namel mijek naqlaha'. *Dan il-kliem juri li l-attur kellu intenzjoni li jiftaħ din il-kawża fiż-żmien li ntbagħat il-messaġġ.*

*15.* *Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u ladarba l-konvenuta ma rnexxiliex tipprova l-ispirtu ta' liberalità tal-attur tramite donazzjoni fir-rigward tas-somma ta' €582.34 rappreżentanti l-kirja ta' garaxx u s-somma ta' €9,800 rappreżentanti l-prezz ta' xiri ta' vettura, il-Qorti tqis li dawn il-ħlasijiet saru b'titolu ta' self, li jġib miegħu l-obbligu tar-restituzzjoni.*

*16.* *Madankollu, u għal dak li jirrigwarda l-ħlas relattiv għal xiri ta' pompa tal-ilma, u l-ħlas ta' €650 fi flus kontanti għal xogħlijiet li saru fid-dar tal-konvenuta, il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi huwa aktar verosimili li dawn il-ħlasijiet saru bħala parti mill-kontribut li kien jagħmel l-attur għall-bżonnijiet tal-ħajja, u dan stante li l-attur kien jirrisjedi fid-dar tal-konvenuta. Il-Qorti waslet għal din il-*

*konklużjoni anke għab-bażi tal-fatt li oltre il-ħlasijiet mertu ta' din il-kawża, kien hemm ħlasijiet oħrajn, bħal xiri ta'* washing machine*, li l-attur kien jagħti jew jagħmel a benefiċċju tal-konvenuta li tagħhom ma huwiex qiegħed jitlob il-ħlas. (fn. 10 Ara f'dan is-sens l-affidavit tal-attur a fol. 9 u l-affidavit ta' Jasper Azzopardi a fol. 59 tal-proċess)*

17. *Għal fini ta' kompletezza, il-Qorti tosserva li fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom il-partijiet għamlu referenza ampja għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet* ***Pierre Caruana vs Sarah Micallef*** *nhar il-11 ta' Novembru 2013. F'dak il-każ, dik il-Qorti kienet għamlet kunsiderazzjonijiet għab-bażi tar-rimedju sussidjarju magħruf bħala l-*actio de in rem verso*, li huwa konċess limitatament f'każ li ma hijiex esperibbli azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu. F'dan il-każ it-talba tal-attur hi arġinata fuq is-self* brevi manu *ta' somma flus, liema self jirrientra fil-qafas tal-mutwu, u għalhekk l-azzjoni attriċi hija waħda ex* contractu.*"*

## **L-Appell**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-25 ta' Marzu, 2022, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talba tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmi appellat. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) mill-atti proċesswali ma jirriżultawx l-estremi tal-kuntratt tal-*mutuum*; u (b) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.

7. L-appellat wieġeb fis-27 ta' April, 2022 fejn issottometta li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

9. Meta tfisser l-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tikkontendi li mill-atti proċesswali ma jirriżultawx l-estremi tal-kuntratt ta' *mutuum.* Filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi għalih l-artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili, telenka t-tliet elementi li jagħmlu dan il-kuntratt, il-kunsinna tal-flus lill-parti l-oħra, il-flus jintemmu bl-użu, u r-radd tal-istess xorta u tgħaddi mbagħad sabiex tagħmel ukoll riferiment għall-insenjament tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, skont is-sentenza tagħha tad-19 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet **John Muscat et *vs.* Pacifico Bonnici et**, filwaqt li tikkontendi li skont l-istess insenjament kien l-attur li kien tenut jipprova l-elementi tas-self. L-appellanta hawn elenkat il-ħlasijiet li kien wettaq l-appellat[1], iżda tinsisti li dawn saru f'okkażjonijiet varji u taħt varji ċirkostanzi, iżda mhux direttament lilha billi kkonsenjalha personalment *(brevi manu)* is-somma pretiża ta' €11,212.34. Issostni li l-appellat lanqas ukoll ma rnexxielu jipprova li hija kellha l-obbligu li trodd dan l-ammont lura. Tgħid għalhekk ġaladarba dawn iż-żewġ elementi ma ġewx ippruvati, il-pretiża tal-appellat kellha tfalli, u mhux tiġi minflok akkolta limitatament. L-appellanta tkompli tgħid li b'hekk hija ssibha diffiċli ferm li taċċetta punt tmienja tas-sentenza, u tissottometti li l-Qorti minflok xeħtet l-oneru tal-prova tad-

[1] (i) fil-kors tal-konvivenza tagħhom, l-appellat kien ħallas lill-appellanta vettura bin-nifs, b'dan illi l-vettura ġiet trasferita għal fuqha b'mod immedjat; (ii) kien iħallsilha l-kera ta' garaxx għall-imsemmija vettura; (iii) kien jagħmel il-manutenzjoni fid-dar, xi kultant a spejjeż tiegħu; (iv) kien xtara *washing machine* li kienet tintuża wkoll għal-ħasil tal-ħwejjeġ tiegħu; (v) kien ħallsilha *cruise*; (vi) kien ħallas għall-pompa tal-ilma.

donazzjoni fuqha. It-tieni aggravju l-appellanta tippreżentah mingħajr preġudizzju għall-ewwel wieħed, sabiex b'hekk stiednet lill-Qorti illi jekk ma takkoljiex l-ewwel aggravju, hija għandha teżamina dan it-tieni aggravju tagħha. Hawn l-appellanta ttenni għal darb'oħra li l-Ewwel Qorti xeħtet fuqha għal kollox l-oneru tal-prova, ġialadarba hija kienet qegħda tikkontendi li l-kwistjoni kienet tittratta f'att ta' donazzjoni u mhux *mutuum.* Filwaqt li tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tad-19 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Margaret Woodall *vs.* Anthony Rapa**, issostni li huwa biss fejn ikun diffiċli għall-Qorti sabiex temmen parti u mhux oħra, li d-dubju għandu jmur favur l-interpretazzjoni tal-attur. Tgħid li ħarsa ħafifa wkoll lejn il-provi, kienet turi li dawn ma kellhomx jagħtu lok għal konflitt jew dubju f'moħħ l-Ewwel Qorti, ta' dak li kien l-animu wara dawn il-ħlasijiet. L-appellanta aċċennat fuq il-messaġġ li l-appellat bagħatilha fit-12 ta' Marzu, 2012 permezz taċ-ċellulari tiegħu, fejn kiteb *'li tajtek ma tapprezzahx',* minn fejn jidher ċar li huwa kien ta u mhux silifha, fejn uħud mill-ħlasijiet kienu jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet għall-ħajja, u l-kumplament kienu għotja għall-appellanta. Tikkontendi li kien biss wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom li l-appellat ippretendihom lura, u kien saħansitra lest li jipproċedi kontriha fil-Qorti għar-rimbors, u ma kienx hemm bżonn wisq għerf biex wieħed jinduna li kieku r-relazzjoni tagħhom ma ntemmitx, l-appellat ma kienx ser jitlobhomlha lura u pjuttost kienu jinxtraw aktar affarijiet, u jintefqu aktar flus. Tgħid li kuntrarjament għal dak li xehed l-appellat, il-messaġġ intbagħat qabel ma nqatgħet il-kawża u mhux wara, u għalhekk huwa kien qiegħed jigdeb. Iżda skont l-Ewwel Qorti (paragrafu 14e tas-sentenza), dan il-messaġġ ma kellux valur probatorju li l-oġġetti ngħataw lill-intimata b'titolu ta' donazzjoni. L-appellanta tgħid jibqa' misteru għalfejn

skont l-Ewwel Qorti l-oġġetti ma ngħatawx taħt donazzjoni, peress li m'hemmx motivazzjoni. Tikkontendi li l-fatt li l-appellat kellu l-intenzjoni li jiftaħ kawża kontriha, u dan fejn fil-fatt il-kawża nfetħet disa' xhur wara li ntbagħat il-messaġġ, ma kellux isaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-animu kien wieħed ta' self u mhux ta' donazzjoni. L-appellanta tinsisti li dan il-messaġġ fuq iċ-ċellulari tal-appellat kif prelevat mill-espert tal-Qorti Dr Martin Bajada, kien jikkostitwixxi prova konklussiva. L-appellanta telenka dawk il-provi li fil-fehma tal-Ewwel Qorti ma kienux jikkostitwixxu provi ċari, fosthom ix-xhieda tagħha stess u dik ta' Jesper Azzopardi, Gary Azzopardi u Nick Dungate. Filwaqt li tispjega fil-qosor dak li xehdu fuqu dawn tal-aħħar, tgħid li x-xhieda ta' Nick Dungate li l-appellat stqarr miegħu li l-vettura kienet rigal għal għeluq snin il-konvenuta, kienet prova diretta mhux kontradetta mill-appellat. Tirrileva li l-vettura fil-fatt inxtrat ħamest ijiem qabel il-jum meta hija għalqet sninha. Tirrileva li l-Ewwel Qorti għamlet ukoll riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tas-17 ta' Ottubru, 1949 fl-ismijiet **Carmela Pace *vs.* Rosaria Caruana**, fejn ġew imfissra tliet rekwiżiti sabiex donazzjoni jkollha effikaċja ġuridika, u tfisser kif fil-fehma tagħha dawn ġew ippruvati minnha. Tibda bl-ewwel rekwiżit, billi tinsisti li l-provi kienu juru b'mod inekwivoku li l-appellat mhuwiex bniedem ħafi, u tispjega l-pagamenti li huwa kien għamlilha, li kienu xhieda li huwa ma setax jitqies li ma kienx ekonomikament stabbli, u li kien jistenna restrituzzjoni ta' dak kollu. Dwar it-tieni rekwiżit, l-appellant issostni li dan ukoll kien ġie ppruvat fejn il-vettura ġiet ittrasferita f'isimha b'mod immedjat u l-kera tal-garaxx tħallset sabiex tiġi ggaraxxjata l-imsemmija vettura. Fir-rigward tat-tielet rekwiżit, tirrileva li ma ġiex ippruvat li matul il-konvivenza tagħhom l-appellat qatt wera l-ħsieb li fil-mument tad-donazzjoni jitlob l-oġġetti lura jew il-valur tagħhom, u

kien biss kif intemmet ir-relazzjoni tagħhom li huwa beda jaħseb mod ieħor, u dan filwaqt li huwa qatt ma żamm xi dritt fuq il-mobbli donati. L-appellanta mbagħad tirrileva li l-Ewwel Qorti għamlet sensiela ta' 'elementi probatorji' li wasluha sabiex tiddeċiedi li dak li għamel l-appellat kien att ta' self, u dan filwaqt li tirribatti kull konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti: (a) meta hija kienet xehdet li l-garaxx *'[d]an krieh hu minn jeddu u qatt ma semma li riedhom lura',* kliemha ma kienux opposti għal dak li xehed Carmelo Farrugia u li hija riedet tqarraq bil-ġustizzja; (b) dwar l-element ta' proporzjonalità, l-appellanta tagħmel riferiment għal dak li ssottomettiet aktar 'il fuq, u tgħid li s-somma ta' €9,800 ma tħallsitx f'daqqa iżda permezz ta' rati mensili; (ċ) għal dak li jirrigwarda x-xhud Brian Cutajar, li xehed illi l-appellat kien ikkonferma miegħu li huwa kien ser jagħmlilha tajjeb, tirrileva li huwa ferm diffiċli li persuna tiftakar dettall bħal dan wara tliet snin u nofs, iktar u iktar meta x-xogħol tiegħu huwa li jagħmel dawn it-tip ta' kuntratti b'mod frekwenti u regolari; (d) issibha diffiċli sew li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx bħala plawsibbli ix-xhieda prodotti minnha, jiġifieri dik ta' uliedha u ta' Nick Dungate, meta meqjusa fil-kumpless tal-provi; (e) il-messaġġ fuq iċ-ċellulari sar proprju hekk kif intemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, u disa' xhur qabel ma ġew intavolati l-proċeduri. L-appellanta tikkontendi li hekk kif l-Ewwel Qorti ikkonċediet li l-pretensjoni tal-ħlas fir-rigward ta' xogħlijiet li saru fid-dar tagħha u fir-rigward tax-xiri ta' pompa, kienu intenzjonati għall-konvivenza tal-partijiet, bl-istess mod jista' jingħad li l-appellat naqas milli jġib prova sabiex juri li huwa ma bbenefikax mill-vettura u mill-kirja tal-garaxx.

10. Dwar l-ewwel aggravju, l-appellat jilqa' billi jirrileva li l-flus kienu ingħataw lill-appellanta bi ftehim magħha, għaliex dak iż-żmien ma kellhiex

alternattiva oħra, bil-patt u bil-kundizzjoni li jintraddu lura. Jikkontendi li dawn huma l-elementi ta' self *brevi manu,* li kuntrarjament għal dak li qegħda ssostni l-appellanta, ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi, u għalhekk dovuta lilu. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-affidavit tiegħu, l-appellat jinsisti li huwa talab biss mingħand l-appellanta dawk il-flejjes li kienu miftehmin li għandhom jitħallsu lura lilu. Jgħid li d-differenza hija waħda importanti għaliex kien hemm distinzjoni bejn l-ammonti li tħallsu minnu u li kienu marbutin mar-relazzjoni tagħhom, u dawk oħrajn li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li għandhom jintraddu lura wara li jintemmu l-proċeduri li ġew intavolati kontriha mill-Bank of Valletta kif fil-fatt ġie ppruvat, u kif kien ekwu skont il-prinċipju *nemo licet locupletari cum aliena iactura.* L-appellat jissottometti li x-xhieda li tressqu mill-appellanta, u hi wkoll, ikkonfermaw li din kienet is-sitwazzjoni attwali, iżda ttantaw idawwru l-kliem billi jgħidu li dak li għamel l-appellat kien riżultat tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Iżda din il-verżjoni m'emmnitiex l-Ewwel Qorti. Jirrileva li huwa tassew minnu li huwa kien ġeneruż magħha, iżda dan ma jfissirx li l-ġenerożità kellha tkopri wkoll kull pagament kif huwa elenka, anki dak li sar bħala self *brevi manu,* fejn il-Qorti akkordat kull pagament għajr tnejn minn dawk pretiżi. Għal dak li jirrigwarda l-insistenza tal-appellanta li huwa ma kienx irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-elementi neċessarji ta' self *brevi manu,* jikkontendi li huwa saħansitra kien ġab prova li l-kreditur kien aċċetta l-pagament mingħandu a favur tagħha. L-appellat jirrileva li kien hemm ukoll diversi messaġġi li għaddew bejniethom li juru li bejniethom kien hemm ftehim, liema messaġġi ma kien isemmu xejn li l-affarijiet kienu qed jingħataw mill-appellat mingħajr ma kien qed jippretendi flus lura għalihom, u fejn saħansitra f'messaġġ minnhom qalilha li jiltaqgħu l-Qorti. L-appellat jgħid li kien hemm

kontradizzjoni bejn dak li qalet l-appellanta fil-kontro-eżami tagħha dwar ix-xiri tal-vettura, u dak li hija kienet qalet fl-affidavit tagħha, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta li ma taċċettax il-verżjoni tal-appellanta. L-istess tagħmel l-appellanta fir-rigward tal-insistenza fl-affidavit tagħha li huma kienu jaqsmu kollox, iżda mbagħad fil-kontro-eżami tagħha qalet li l-introjtu tagħha ta' €800 fix-xahar ma kienx jinqasam. Dwar dak li l-appellat isejjaħ it-tieni aggravju tal-appellanta, huwa jibda billi jfisser l-elementi li huwa kellu jressaq prova dwarhom sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu, u jsostni li l-elementi kollha ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta li tiddeċiedi li tikkundanna lill-appellanta għall-ħlas tas-somma ta' €10,382.34, fejn applikat l-istess prinċipji li kienu ġew applikati mill-istess Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza deċiża fil-11 ta' Novembru, 2013 fl-ismijiet **Pierre Caruana *vs.* Sarah Micallef**. Huwa jagħmel riferiment wkoll għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tas-6 ta' April, 2006 fl-ismijiet **Pierre Caruana *vs.* Sarah Micallef**, u jiċċita silta mill-istess sentenza fejn tfissru l-elementi neċessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni hemm imsejħa sussidjarja ta' *actio de in rem verso.* L-appellat jikkontendi li huwa rnexxielu jressaq prova ta' kull element, iżda mbagħad jekk l-appellanta xtaqet iġġib prova kuntrarja li l-ammonti dovuta kien rigal jew donazzjoni, kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti kien jinkombi fuqha li tressaq id-debita prova anki fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet **Carmela Scicluna et *vs.* Carmela Psaila** deċiża fl-4 ta' Novembru, 1946 kif ċitata mill-Ewwel Qorti. L-appellat jinsisti li fil-fatt dik il-prova ma teżistix, u wara kollox kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, *'kull dubju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avvanza l-ħlas'.* Dwar it-tieni aggravju, l-appellat jissottometti li skont il-ġurisprudenza, l-apprezzament tal-fatti

magħmul mill-Ewwel Qorti m'għandux jiġi disturbat faċilment mill-Qorti tal-Appell, u in sostenn tal-argument tiegħu huwa jiċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta. Jikkontendi li abbażi ta' din il-ġurisprudenza, l-aggravji tal-appellanta għandhom jiġu miċħuda. Minn hawn l-appellat jgħaddi sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fil-mertu, iżda dan mingħajr preġudizzju għall-ewwel argument tiegħu. Jikkontendi li kull dubju dwar it-titolu, jiġifieri jekk il-ftehim kienx wieħed ta' *mutuum* jew ta' donazzjoni, għandu jmur favur min avvanza l-flus, u dan jgħidu b'riferiment għas-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti. Għal darb'oħra jirrileva li meta l-appellanta tagħmel riferiment għall-messaġġi li għaddew bejniethom, hija tagħżel biss partijiet minnhom, filwaqt li tinjora oħrajn li jwaqqgħu l-argument tagħha. Huwa jfisser dak li xtaq jgħid permezz tal-messaġġ li tagħmel riferiment għalih l-appellata, u fejn fil-fatt huwa kien qed jirreferi għal dak kollu li huwa kien għamel magħha. Jgħid li huwa ferm ironiku li l-appellanta tinsisti li jekk ir-relazzjoni tagħhom ma kinitx intemmet, huwa ma kienx ser jitlobhomlha lura, u jissottometti li dan ma kienx minnu għaliex il-ftehim kien li l-ammonti kellhom jintraddu lura hekk kif hija kienet toħroġ mill-problemi finanzjarji tagħha. Jgħid li anki dan l-argument huwa wieħed ipotetiku, u juri kif l-appellanta kienet qegħda ssib kull argument sabiex tevita l-obbligi tagħha. Ikompli jgħid li jekk ma hux ħafi jew le, kif kienet allegat l-appellanta fir-rikors tagħha, ma kellu l-ebda piż fuq il-mertu, u l-fatt li ddeskrivietu b'dak il-mod, kien jikxef l-intenzjoni tagħha li tirkeb fuqu u fuq flusu. L-appellat hawn jgħaddi sabiex jirribatti kull argument tal-appellanta fejn din ittantat li xxejjen l-elementi probatorji u l-provi li l-Ewwel Qorti kkunsidrat fid-deċiżjoni tagħha.

11. Il-Qorti ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Wara li din għarfet li l-partijiet fil-kawża odjerna qegħdin joffru verżjonijiet konfliġġenti, irrilevat li f'każ bħal dak odjern huwa risaput li l-Qorti għandha tfittex sabiex tistabbilixxi jekk verżjoni teskludiex lill-oħra fuq is-soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u tal-verosomiljanza. L-Ewwel Qorti qalet li fi proċeduri ċivili, l-eżerċizzju għandu jsir fuq bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li jwasslu għall-konvinċiment fil-ġudikant li huwa għandu jaċċetta verżjoni u mhux oħra. Filwaqt li osservat li l-appellat irnexxielu jipprova li huwa kien għamel il-ħlasijiet li tagħhom kien qed jitlob rimbors fil-proċeduri odjerni, għarfet sewwa li l-qofol tal-kwistjoni huwa l-animu li bih saru l-imsemmija ħlasijiet, għaliex jekk kif kienet qegħda tikkontendi l-appellanta, dawn saru bħala rigal jew donazzjoni, imbagħad korrettement ikun hemm nieqes l-obbligu tar-restituzzjoni.

12. Minn hawn l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex ċitat is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tas-17 ta' Ottubru, 1949 fl-ismijiet **Carmela Pace *vs.* Rosaria Caruana et**, fejn dik il-Qorti kienet fissret l-elementi li jikkostitwixxu l-att ta' donazzjoni. Irrilevat li kien ġie wkoll ritenut li min jallega d-donazzjoni għandu l-obbligu li jippruvaha permezz ta' provi ċari. Kompliet billi ċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Novembru, 1946 fl-ismijiet **Carmela Scicluna et *vs.* Carmela Psaila** fejn kienet tressqet eċċezzjoni simili, u anki s-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, tad-19 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Margaret Woodall *vs.* Anthony Rapa**. Il-Qorti hawn ma tistax tonqos milli tagħmel riferiment għas-sentenza tagħha stess, kif diversament ippreseduta, tad-19 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet **Albert Fiorentino *vs.* Rebecca Attard**, fejn ġew imfissra sew l-elementi li jsawwru l-att ta' donazzjoni, u fejn ingħad li *"... ta'*

*essenza għad-donazzjoni hu l-ispirtu ta' liberalità ossija l-"animus donandi"".* Huwa proprju l-eżistenza ta' dan l-element li l-Qorti trid tistabbilixxi mill-provi miġjuba quddiemha.

13. Ġaladarba ma kienx kontestat il-fatt li l-ħlasijiet kienu saru min-naħa tal-appellat, u l-appellanta kienet qegħda tallega li dawn saru bħala att ta' donazzjoni, l-Ewwel Qorti qieset li l-oneru tal-prova sabiex turi li l-flus ingħataw bħala rigal, kien jinkombi fuq din tal-aħħar. Issa hawn l-Ewwel Qorti mingħajr tlaqliq ta' xejn stqarret li l-appellanta ma kienx irnexxielha tipprova li l-ħlasijiet saru b'mod ċar, inekwivoku u konklussiv bl-animu ta' donazzjoni, u fissret li hija ma kienet sabet l-ebda prova konkreta li setgħet turi li meta l-appellat għamel il-ħlasijiet, l-animu tiegħu kien li dawn kienu rigal skont l-artikolu 1737 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li d-donazzjoni hija *'kuntratt li bih id-donatur, għal dejjem u bla ħlas, jittrasferixxi ħaġa lid-donatarju, li dan jaċċetta'.* Kompliet billi esprimiet il-fehma li għalkemm il-partijiet kienu jinsabu f'relazzjoni, miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ hija ma kinitx konvinta li l-appellat xtaq li jiżvesti ruħhu minn flusu gratwitament.

14. Iżda din il-Qorti ma tikkondividiex il-fehma tal-Ewwel Qorti, u ser tgħaddi sabiex tinvestiga l-ħames elementi probatorji identifikati minnha li waslu lil din tal-aħħar għall-konklużjoni tagħha –

(a) *Il-ħlas tal-kirja tal-garaxx*: Carmelo Farrugia xehed li dan kien ilu mikri għand l-appellanta għal ħafna snin, u huwa ma kienx jaf min kien l-appellat, u bla dubju l-Ewwel Qorti ma setgħetx ma tosservax li dan kien jistona sew ma' dak li ddikjarat l-appellanta fl-affidavit tagħha, fejn hija qalet "*dan krieh hu minn*

*jeddu u qatt ma semma li riedhom lura".* Barra minn hekk, il-Qorti tirrileva li l-istess Carmelo Farrugia meta xehed waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2014, iddikjara li lill-appellat huwa ma kienx jafu. Iżda l-Qorti ma tistax ma tosservax wkoll dak li ngħad mill-appellat fil-messaġġ tiegħu lill-appellanta fit-12 ta' Marzu, 2012[2], fejn dan wera li huwa kien iddispjaċut bil-fatt li l-appellanta kienet naqset milli tapprezza dak kollu li kien taha, u semma fosthom il-kera ta' garaxx. Tgħid li dan il-messaġġ tal-appellat stess jikkostitwixxi prova inekwivoka u ċara li tikkontradixxi l-allegazzjoni tiegħu li l-kera kien ħallasha soġġett għall-ftehim mal-appellanta li hija kellha trodd il-flus lura. Tirrileva li għalhekk huwa kredibbli dak li qalet l-appellanta meta xehdet waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2017 li *"[i]va, dak iz-zmien jiena kelli sekwestru l-Bank, u ma stajtx naffordja nħallas il-kera tal-garaxx. U qalli: "Mhux problema, nħallashielek jien ... imma jiena m'għamiltx ftehim li ħa ntihomlu lura"*[3];

(b) *Il-ħlas tal-prezz għax-xiri ta' vettura*: filwaqt li l-appellanta nsistiet li l-vettura nxtrat mill-appellat bħala rigal, l-Ewwel Qorti bir-raġun kollu kkunsidrat li oġġett ta' dan il-valur ma jistax jiġi meqjus bħala rigal tenwu, u f'kull każ ma kienx ġie ppruvat l-element ta' proporzjonalità tal-allegat rigal mal-kundizzjonijiet ekonomici tal-appellat. Il-Qorti tesprimi d-dubju tagħha dwar din l-osservazzjoni aħħarija. Kif sewwa qalet l-appellanta, l-appellat ma jistax jingħad li huwa bniedem ħafi tenut kont il-pagamenti kollha li huwa jgħid li għamel fil-messaġġ tiegħu appena msemmi[4], u kif riflessi fl-affidavit tiegħu.[5] Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Dion Borg[6], awditur tas-soċjetà Freeways Logistics Ltd, li l-

---

[2] *A fol.* 62.
[3] A *fol.* 82 u 83.
[4] *Supra.*
[5] *A fol.* 9.
[6] *A fol.* 49 u 50.

appellat huwa direttur u azzjonist tagħha, u skont dak li qalet l-appellanta fl-affidavit tagħha u li ma ġiex ikkontestat, xogħol l-appellat kien *"...barra minn Malta idur bit-trailers minn Palermo għal Malta. Il-biċċa 'l kbira, kien iqatta' mit-Tnejn sal-Ħamis filgħodu Sqallija..."*;[7]

(ċ) *Il-vettura:* skont l-Ewwel Qorti, il-verżjoni tal-appellat kienet ikkorraborata minn dik ta' Brian Cutajar għan-nom ta' Regina Auto Dealer, li kkonferma li l-vettura kienet inxtrat fuq isem l-appellanta b'tpartit ma' vettura oħra tagħha, fejn il-bilanċ kellu jitħallas b'pagamenti mensili, iżda wara li l-appellat ikkonferma li huwa kien *"ser jagħmlilha tajjeb hu"*. Il-Qorti tirrileva wkoll li x-xhud spjega li kien daħal f'negozju mal-appellat u mhux mal-appellanta, sabiex b'hekk il-bilanċ tħallas permezz ta' ċekkijiet f'isem l-appellat minflok permezz tal-firma ta' kambjali, u dan għaliex il-partijiet f'din il-kawża xtaqu jevitaw il-bank. Iżda din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li skont ix-xhieda mhux ikkontestata tal-appellanta, kien l-appellat proprju li nsista mal-appellanta sabiex tbiddel il-vettura tagħha ma' oħra.[8] Dan jingħad b'riferiment għal dak li qalet fl-affidavit tagħha li *"...huwa pperswadieni li nibdilha għaliex skont hu ma kinitx għadha worth it u billi kienet* station wagon *rahha kbira u ssuġġerixxa li nniżżlu vettura mill-Ingilterra però minflok għamel hekk, xtrali vettura Toyota Vitz għaliex kienet zgħira. Kien ċempilli darba minnhom kien it-Tnejn, ċempilli x-xogħol u qalli "wara x-xogħol ejja għand ir-Regina għax hawn karozza se togħġbok żgur'." Jien għamilt kif qalli u mort għand ir-Regina u għazilt Vitz ta' kulur pearl white ... Din il-karozza qalli li kienet rigal għall-birthday u ċioé meta għalaqt 54 sena. Jiena ninsab sorpriża kif qiegħed jitlobni €9,800 għall-karrozza*

[7] *A fol.* 56.
[8] Ara xhieda tal-appellanta in kontro-eżami waqt is-seduta tal-15.02.17 *a fol.* 76.

*meta kien xtrahieli bħala rigal għall-birthday. Tant hu hekk illi meta darba minnhom iġġilidna kien qalli: 'jiena mhux se noħodlok il-karozza lura għax jiena dik tajthielek għall-birthday'".* Imbagħad waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2017, l-appellanta xehdet li *"...kif inżilt għidtlu: "Joe, taf li jiena mhux din il-karozza rrid, l-affarijiet iridu jitranġaw." Qalli: "Jien mhux miegħek qiegħed ngħix?" qalli: "Inti qisek il-mara tiegħi." All right? U mbagħad qalli: "Ara jekk togħġbokx?" Kien hemm żewg karozzi, għidtlu: "Jiena togħġobni. Imma li għandi moqdija jiena." U mbagħad qalli: "Liem togħġbok? Ħalli tkun present għall-birthday."".*[9] Il-Qorti tosserva li dak li qalet l-appellanta hawn ma sab l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-appellat. Tgħid li ċertament l-insistenza tiegħu saħansitra mbagħad tinftiehem aħjar fil-kuntest ta' rigal għal għeluq snin l-appellanta, u l-verżjoni tal-appellanta għal darb'oħra taqbel mal-kontenut tal-messaġġ li l-appellat bagħatilha fit-12 ta' Marzu, 2012 fejn huwa ddikjara li kien ħallas għal karozza li kienet tiswa €10,000;

(d) *Ix-xhieda tal-appellanta*: meta l-Ewwel Qorti qieset ix-xhieda ta' ulied l-appellanta u tan-namrat ta' oħtha, ma kkunsidratx li kienet waħda plawsibbli meta analizzata fil-kumpless tal-provi. Din il-Qorti tirrileva li x-xhieda ta' Nick Dungate m'għandhiex tiġi skartata mill-ewwel bħala waħda dubjuża, għalkemm tqis li din mhijiex daqstant preċiża, kif inhi wkoll ix-xhieda ta' ulied l-appellanta. Għalhekk fil-fehma tagħha, il-kwistjoni tista' biss tiġi riżolta billi tiġi evalwata u kkunsidrata x-xhieda tal-partijiet fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tagħhom;

(e) *Il-messaġġ fuq il-mobile*: l-Ewwel Qorti tgħid li dan ma kienx jikkostitwixxi prova li l-vettura u l-kiri tal-garaxx flimkien ma' oġġetti oħra msemmija fl-istess

[9] *A fol.* 78.

messaġġ, kienu ngħataw lill-appellanta b'titolu ta' donazzjoni, tant li l-istess messaġġ jagħlaq bil-kliem *'niltaqaw il-Qorti ghax kif atlek namel x'namel mijek naqlaha'*. Iżda kif diġà fissret aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti mhijiex tal-istess fehma, u tgħid li dan il-messaġġ tal-appellat, kif tinsisti l-appellanta, huwa prova ċara u inekwivoka tal-ispirtu tal-liberalità li permezz tiegħu huwa għamel il-ħlasijiet li l-Ewwel Qorti skorrettement dehrilha kienu saru b'self *brevi manu* lill-appellata.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tal-appellanta ġustifikati, u tilqagħhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, u tħassar is-sentenza appellata għajr fejn din iddeċidiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-appellanta, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-appellanta.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza u dawk tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**